ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/50

# Konsultazzjoni speċifika tal-esperti rigward il-klassifikazzjoni armonizzata tas-cycloxydim

**Ħelsinki, 5 ta' Novembru 2012** – L-ECHA qed joffri l-opportunità lill-partijiet ikkonċernati biex jikkummentaw fuq il-kwistjonijiet relatati mat-tossiċità riproduttiva potenzjali ta' cycloxydim (KE Nru 405-230-9, CAS Nru 101205-02-1) li qegħdin attwalment jiġu diskussi mill-Kumitat għal Valutazzjoni tar-Riskju (RAC).

F'Awwissu 2011 l-Awstrija ssottomettiet proposta għal klassifikazzjoni armonizzata u t-tikkettar (CLH) ta' cycloxydim u kienet suġġetta għal konsultazzjoni pubblika li ntemmet fl-1 ta' Ottubru 2011 fejn imbagħad għaddiet quddiem ir-RAC għal opinjoni.

Matul il-proċess ta' żvilupp tal-opinjoni tar-RAC, qamu mistoqsijiet fuq l-interpretazzjoni tad-dejta disponibbli rigward l-effetti tossiċi ta' cycloxydim fuq il-maternità u l-iżvilupp kif ukoll fuq ir-relevanza tas-sejbiet għal klassifikazzjoni.

L-ECHA qed tistieden lill-partijiet interessati biex jikkummentaw fuq numru ta' kwistjonijiet ewlenin li ġew identifikati abbażi tad-diskussjonijiet fir-RAC s'issa. L-esperti għandhom iressqu l-kontribut tagħhom permezz ta' tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet ewlenin (ara l-link hawn taħt) sa mhux aktar tard mid-19 ta' Novembru 2012 f'din il-mailbox: clh-expert-meetings@echa.europa.eu. Aktar istruzzjonijiet għal kontributuri jinsabu wkoll fil-link ta' hawn taħt.

Skont kemm ikun hemm kummenti, l-ECHA tippubblika l-kumment tal-espert b'mod sħiħ jew is-sommarju biss fuq is-sit tagħha f'forma ta' Anness għall-opinjoni tar-RAC.

## Aktar tagħrif

**Mistoqsijiet u struzzjonijiet għal kontributuri**
https://staging-production.echa.europa.eu/en/web/guest/view-article/-/journal_content/3f1732bb-4b6d-4367-afa3-eee12310f9a8

**Konsultazzjoni preċedenti għas-cycloxydim**
http://echa.europa.eu/harmonised-classification-and-labelling-previous-consultations/-/substance/487/search/+/term